**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 14 ta' Gunju, 2001

**Numru 8**

**Avviz. numru 266/01JR**

**Maltacom plc**

**vs**

**Alfred u Anna konjugi Borg**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 t'April, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija tnejn u sebghin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm172.81), ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 237271 (skond kif jirrizulta mill-annessi dokumenti A u B);**

**Illi l-konvenuti gew interpellati sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**

**Bl-ispejjez u imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta' l-ittra ufficjali kontra l-konvenuti inkluzi dawk ta' l-istess ittra ufficjali datata 27 t'Ottubru, 2000, li huma ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Ingrid Zammit ghas-socjeta` attrici li kkonfermat li l-ammont intier ghadu dovut. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija tnejn u sebghin lira Maltija u wiehed u tmenin centezmu (Lm172.81), bl-imghaxijiet legali mis-27 t'Ottubru, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-istess ittra ufficjali datata 27 t'Ottubru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**